

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2012 — Il-Kummissjoni vs Liotti

(Kawża T-167/09 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport tal-iżvilupp tal-karriera — Proċedura ta’ evalwazzjoni 2006 — Dispożizzjonijiet ġenerali ta’ implemen-tazzjoni — Applikazzjoni koerenti u konkreta tar-regoli ta’ evalwazzjoni”)

(2012/C 118/37)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Eggers u K. Herrmann, aġenti)

Appellat: Amerigo Liotti (Senningerberg, il-Lussemburgo) (rappreżentant: F. Frabetti, avukat)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tas-17 ta' Frar 2009, Liotti vs Il-Kummissjoni (F-38/08, li għadha ma ġiex ippubblika fil-Ġabru), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat, barra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti minn Amerigo Liotti fil-kuntest ta' din l-istanza.

⁽¹⁾ ĠU C 167, 18.07.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Marzu 2012 — Il-Pajjiżi l-Baxxi u ING Groep vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-29/10 u T-33/10) ⁽¹⁾

(“Għajjnuna mill-Istat — Settur finanzjarju — Ghajjnuna maħsuba sabiex jiġi rrimedjat taqlib serju fl-ekonomija ta’ Stat membru — Kontribuzzjoni ta’ kapital bl-għażla mogħtija lill-benefiċċjarju tal-ghajjnuna bejn ir-rimboris jew il-konver-żjoni tat-titoli — Tibdil tal-kundizzjonijiet tar-rimobrs matul il-proċedura amministrativa — Deċiżjoni li tiddikjara l-għaj-nuna bħala kompatibbli mas-suq komuni — Kunċett ta’ għaj-nuna mill-Istat — Vantaġġ — Kriterju tal-investitur privat — Rabta neċċessarja u proporzjonata bejn l-ammont tal-għaj-nuna u l-entità tal-miżuri maħsuba sabiex tiġi permessa l-kompatibbiltà tal-ghajjnuna”)

(2012/C 118/38)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż u l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: C Wissels, Y. de Vries u M. de Ree, aġenti, assistiti minn P. Glazener, avukat) (Kawża T-29/10); u ING Groep NV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: inizjalment O. Brouwer, M. Knapen u J. Blockx, avukati, sussegwentement minn O. Brouwer, J. Blockx u M. O'Regan, solicitor (Kawża T-33/10)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. van Vliet, L. Flynn u S. Noë, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti fil-Kawża T-33/10: De Nederlandsche Bank NV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: inizjalment B. Nijs u G. van der Klis, sussegwentement minn G. van der Klis, M. Petite u S. Verschuur, u finalment minn M. Petite u S. Verschuur, avukat)

Suġġett

Talbiet għal annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/608/KE, tat-18 ta' Novembru 2009, dwar l-ghajjnuna mill-Istat C 10/09 (ex N 138/09) implementata mill-Pajjiżi l-Baxxi għall-Faċilità ta’ Sostenn ta’ Assi Mhux Likwid u l-Pjan ta’ Ristrutturar tal-ING kif ukoll it-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni u l-Anness II ta’ din id-deċiżjoni huma annullati.

Dispożittiv

- (1) Il-Kawża T-29/10 u T-33/10 huma magħquda flimkien għall-finijiet ta’ din is-sentenza.
- (2) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/608/KE, tat-18 ta' Novembru 2009, dwar l-ghajjnuna mill-Istat C 10/09 (ex N 138/09) implementata mill-Pajjiżi l-Baxxi għall-Faċilità ta’ Sostenn ta’ Assi Mhux Likwid u l-Pjan ta’ Ristrutturar tal-ING kif ukoll it-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni u l-Anness II ta’ din id-deċiżjoni huma annullati.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 80, 27.03.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2012 — Iberdrola vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-221/10) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Ghajjnuna mill-Istat — Skema ta’ għajjnuna li tippermetti l-ammortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvajjem finanzjarju għal akkwizzizzjonijiet ta’ ishha barranin — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta’ ghajjnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li ma tordnax l-irkupru tal-ghajjnuna — Att li jinvolvi miżuri ta’ implementazzjoni — Nuqqas ta’ interess individwali — Inammissibbiltà”)

(2012/C 118/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Iberdrola, SA (Bilbao, Spanja) (rappreżentanti: X. Ruiz Calzado, M. Núñez Müller u J. Domínguez Pérez, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u C. Urraca Caviedes, aġenti)